MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 355/2013

**ABC**

**-vs-**

**DBC**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Guzepp, l-Imsida fis-16 ta’ Settembru 2000, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhom l-ebda tfal;
3. Illi l-kontendenti kienu jghixu gewwa appartament, liema appartament illum il-gurnata nbiegh, u r-rikavat ta’ tali bejgh inqasam bejn iz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs u ugwali bejniethom fis-sena 2009;
4. Illi l-kontendenti ma ghandhomx mobbli jew immobbli bejniethom;
5. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabilment u f’Novembru 2008 il-partijet isseparaw *de facto* u ghalhekk ilhom ma jghixu flimkien sa minn dak iz-zmien;
6. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta’ rikonciljazzjoni fil-futur;
7. Illi ai finijiet ta’ l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili jirrizulta :
   a) Illi l-kontendenti ilhom isseparati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin;
   b) Illi ma hemm l-ebda lok ta’ manteniment;
   c) Illi d-dar matrimonjali kienet inbieghat u r-rikavat ta’ tali bejgh kien inqasam bejniz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs u ugwali bejniethom;
   d) Illi ma hemm l-ebda mobbli jew immobbli appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet;
8. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza b’digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) numru 1058/13 sabiex tipprocedi bic-citazzjoni, skond kopja tad-digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;
9. Illi r-rikorrenti taf b’dawn il-fatti personalment;
10. Illi l-partijiet ma humiex legalment separati u allavolja kien nbdew il-proceduri ghal separazzjoni personali konsenswali, din l-procedura ma tkomplietx u minflok issa nbdew tali proceduri sabiex l-partijiet jottjenu digriet ta’ divorzju quddiem din il-Qorti;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara xolta l-kommunujoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida bl-istess mod li jigu stabbiliti porzjonijiet ugwali indivizjoni u assenjati lill-partijiet;

2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg stante illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
4. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubita, u cioe' Mountford;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta bil-kontro-talba tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament, li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi l-esponent jaqbel u jikkonferma l-kontenut tal-ewwel erba' (4) premessi tar-Rikors promotur prezentat minn A BC;
2. Illi l-esponent jikkonferma wkoll il-kontenut tal-hames (5) premessa fis-sens illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment u li huma ilhom de facto separati mis-sena 2008, pero jzid jghid illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba adulterju u ingurji gravissimi mwettqa mir-rikorrenti tant illi matul iz-zwieg ir-rikorrenti kienet harget tqila u kellha tarbija – M – li r-rikorrenti kienet taf li kien iben ragel iehor li mieghu hija kellha relazzjoni adultera matul iz-zwieg izda satret dan il-fatt hekk important mill-konoxxenza tar-rispondent u hallietu jrabbi lill-imsemmi minuri M minghalih li huwa kien missieru;
3. Illi ghalhekk, apparti l-aspett emozzjonali u r-rabja, l-ugiegh u d-dizappunt li l-esponent hass b'rizultat ta' dan it-tradiment u kattiverja, l-esponent irid jitlob li r-rikorrenti thallsu somma flus ekwivalenti ghall-hlasijiet li huwa zborsa matul iz-zwieg ghat-trobbija ta' tifel li tieghu huwa ma kienx verament il-missier;
4. Illi l-kontendenti kienu diga ftiehmu biex jikkonkludu separazzjoni konsenswali li kienet tinkludi wkoll l-obbligu da parti tar-rikorrent ta' hlas ta' tali somma flus lir-risponent izda r-rikorrenti – li fil-frattemp rega' kellha tarbija ohra minn missier iehor – naqset milli taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att finali minflok ipprocediet b'din il-kawza;
5. Illi l-esponent jaqbel ma u jikkonferma dak li gie dikjarat mir-rikorrenti fis-sitt premessa;

<u>Eccezzjonijiet tal-Intimat</u>

6. Illi l-intimat ma jopponix ghat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti minnha fir-Rikors Guramentat promotur li prezentat ir-rikorrenti fl-10 ta’ Lulju 2013 u lanqas ma jopponi ghat-talba ulterjuri u addizzjonali li hija ghamlet permezz tar-rikors minnha pprezentat fl-10 ta’ Ottubru 2013 b’dan pero’ li huwa qieghed jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri biex iressaq ‘il quddiem il-kontro-talbiet tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-intimat qieghed jipprevalixxi ruhu mill-proceduri istitwiti mir-rikorrenti rikonvenzjonata A BC biex iressaq ‘il quddiem il-kontro-talbiet tieghu;
2. Illi l-esponent jiddikjara li huwa u ir-rikorrenti rikonvenzjonata A BC kien zzewgu fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida fis-16 ta’ Settembru, 2000;
3. Illi matul dan iz-zwieg ir-rikorrenti rikonvenzjonata A BC kienet tat wild ghal tarbija – M – li l-esponent kien inghata x’jifhem li taghha huwa kien il-missier u li huwa rabba u ipprovda ghalih finanzjarjament bhala missier izda snin wara rrizulta li tali tarbija kienet twieldet minn relazzjoni adultera u extra-matrimonjali li r-rikorrenti rikonvenzjonata A BC kellha ma’ ragel iehor;
4. Illi sussegwentement il-kontendenti kienu sseparaw ‘de facto’ u anke lahqu ftehim ghall-pubblikazzjoni ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali li kien jinkludi kundizzjoni li r-rikorrenti rikonvenzjonata A BC thallsu somma flus ekwivalenti ghal flus dizborsi mill-esponent matul is-snin versu t-trobbija ta’ tifel li wara rrizulta li ma kienx tieghu, izda r-rikorrenti rikonvenzjonata A BC naqset milli taddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta’ tali kuntratt u jidher li qed tipprova tizvinkola mill-obbligu taghha li thallas u tikkumpensa lill-esponent;
5. Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti kif minnu qed jigu hawn dikjarati bil-gurament;

Talab li ir-rikorrenti rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(i) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi z-zwieg celebrat mill-kontendenti fil-knisja Parrokkjali tal-Imsida fis-16 ta' Settembru 2000 tkisser irrimedjabilment minhabba adulterju u ingurji gravi perpetrati mir-rikorrenti rikonvenzjonata A BC;

(ii) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja tiddikjara illi l-intimat rikonvenjonant ghandu kreditu fil-konfront tar-rikorrenti rikonvenzjonata A BC ekwivalenti ghal nofs il-flus kollha dizborzi mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn iz-zwieg kontendenti versu t-trobbija tal-minuri M;

(iii) Tillikwida tali kreditu dovut mir-rikorrenti rikonvenzjonata A BC lill-intimat rikonvenjonat; u

(iv) Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata A BC biex thallas lill-intimat rikonvenzjonat dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kontra A BC;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awissu, 2013;

Rat illi l-partijiet lahqu ftehim u illi ghalhekk l-intimat ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri fir-rigward tar-rikorrenti kif iddikjara hu stess fil-verbal tal-Qorti tat-18 ta' Frar 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet ressqu ghall-pubblikazzjoni ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali bejniethom fil-11 ta’ Frar 2015 u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tar-rikorrenti, kif ukoll tat-talbiet illi ghamel l-intimat fil-kontro-talba tieghu stante illi dawn gew kolha decizi u maqbula bejn il-partijiet fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin u legalment separati mill-11 ta’ Frar 2015;

Illi il-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Il-Qorti rat illi ir-rikorrenti talbet sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Mountford. Il-Qorti qeghda tilqa’ din it-talba u tawtorizzaha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita Mountford u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------